**30 ta' Ġunju, 1962.**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Ara sentenza posterjuri tal-21 ta' Lulju 1962 (publikata).

Salvatore Scerri

*versus*

Rosaria Mercieca

**Appell — Kontumaċja — Subizzjoni — Kapitolu — Art. 698, 696, 697 u 702 tal-Kap. 15.**

*Hu magħruf illi, meta s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ewwel Grad tkun bażata fuq il-konfessjoni preżunta tal-materja kapitolata, derivata mill-kontumaċja għas-subizzjoni, jeħtieġ li qabel xejn, sabiex ikun hemm aditu għall-appell, jiġi rimoss l-ostakolu li għal dak l-appell tikkostitwixxi dik il-konfessjoni preżunta; u dan billi tiġi ġustifikata l-kontumaċja.*

*Jekk il-kapitolu ikun ġie preżentat f'Qorti Inferjuri, dik il-Qorti mhix obligata tiddifferixxi l-kawża għal seduta oħra, jekk il-konvenut ma jkunx deher għas-subizzjoni,u tirritjeni konfessat il-kapitolu biss fil-każ li l-konvenut ikun assenti fis-seduta li għaliha l-kawża tkun ġiet differita. Dan japplika meta si tratta ta' Qorti Superjuri, u mhux meta l-kapitolu jiġi preżentat f'Qorti ta' Ġurisdizzjoni Inferjuri.*

*Il-kapitolu hekk preżentat u s-sentenza mogħtija fuqu mill-Qorti tal-Ewwel Grad mhumiex attakkabbli minħabba n-nuqqas tar-rinviju tal-kawża għal darb'oħra; imma jibqa' biss li wieħed jara jekk il-kontumaċja tal-konvenut fl-ewwel seduta kienetx ġustifikata.*

Il-Qorti:— Rat it-talba tal-attur kontra l-konvenuta, magħmula permezz ta' avviż preżentat fil-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta, għall-kundanna tal-konvenuta biex tiżgombra mill-fond 99 Annunciation Street, Hamrun, u dan peress li qegħdha tokkupa l-istess fond bla titolu; bl-ispejjeż kontra l-konvenuta. inklużi dawk tal-ittra nterpellatorja, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni. Ġie dikjarat, għall-finijiet tal-kompetenza, li l-valur lokatizju ma jeċċedix is-£6 kull tliet xhur;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-25 ta' Mejju 1962, li biha ddeċidiet billi laqgħet it-talba tal-attur, bl-ispejjeż, in bażi għall-konfessjoni preżunta tal-materja kapitolata riżultanti minn nuqqas ta' komparizzjoni għad-deferiment tal-kapitolu, u ppreffiġġiet lill-konvenuta xahar żmien biex tiżgombra l-fond;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenuta fol. 7, u ċ-ċitazzjoni tagħha fol. 8, li biha talbet ir-revoka ta' dik is-sentenza; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Kif inhu magħruf, meta s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ewwel Grad tkun bażata fuq il-konfessjoni preżunta tal-materja kapitolata, derivata mill-kontumaċja għas-subizzjoni, jeħtieġ li qabel xejn, sabiex ikun hemm aditu għall-appell, jiġi rimoss l-ostakolu li għal dak l-appell tikkostitwixxi dik il-konfessjoni preżunta, u dan billi tiġi ġustifikata l-kontumaċja;

Il-konvenuta appellanti, però, attakkat aktar fil-fond dan l-ostakolu, billi qalet li ma hemmx din il-konfessjoni preżunta, għaliex l-Ewwel Qorti ma setgħetx, meta ġie preżentat il-kapitolu fis-seduta tal-25 ta' Mejju 1962, u meta ma dehretx (bla ma ġġustifikat l-assenza tagħha) l-istess appellanti, tirritjeni konfessat il-kapitolu, iżda kien imissha ddifferiet il-kawża għal darb'oħra, u biss fil-każ ta' assenza mhux ġustifikata fil-ġurnata li għaliha tkun hekk iddifferiet il-kawża, setgħet tirritjeni konfessat il-kapitolu. In sostenn ta' din id-deduzzjoni tagħha l-konvenuta appellanti ċċitat l-art. 698 tal-Kodiċi Proċedurali, Kap. 15 Edizzjoni Riveduta;

L-ekwivoku tal-appallenti hu ovvju. L-art. 698 japplika għall-proċeduri quddiem il-Qorti "Superjuri". Dan hu ċar, għaliex l-art. 698 jagħmel segwitu għall-art. 696 u 697, u l-art. 696 jgħid espressament, fil-kliem inizzjali tiegħu, li qiegħed jalludi għall-proċedura quddiem il-Qrati Superjuri. Ugwalment espliċitu hu l-art. 702, li jirriferixxi

espressament għall-Qrati ta' ġurisdizzjoni "inferjuri", u dan, fir-raba' subartikolu tiegħu, ma jeżiġi ebda differiment tal-kawża, a differenza ta' dak li hu preskritt fil-Qrati Superjuri, imma jgħid li, jekk il-litigant li lilu jkun ġie deferit il-kapitolu ma jidherx, il-kapitolu jitqies konfessat (*jekk ma tiġix ġustifikata l-kontumaċja*);

Issa, il-każ preżenti kien każ quddiem Qorti ta' Ġurisdizzjoni Inferjuri. Il-konvenuta ġiet inġunta għas-subizzjoni fl-istess avviż (art. 702(1) ibidem); dan l-avviż ġie lilha debitament notifikat; mbgħad, fis-seduta tal-25 ta' Mejju 1962 (fol. 4), ġie lilha deferit il-Kapitolu; il-konvenuta ma dehretx (fol. 5), bla ma jirriżulta li ġġustifikat il-kontumaċja tagħha; u għalhekk l-Ewwel Qorti rriteniet il-kapitolu mistqarr skond il-liġi;

Dan hu l-istat tal-liġi u din hija l-prattika konformi għaliha;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tirrespinġi d-deduzjoni tal-konvenuta appellanti, u tiddikjara li ma kienx hemm bżonn, għax mhux preskritt, ta' rinviju tal-kawża, u li għalhekk ma kien hemm ebda difett proċedurali fil-konfessjoni preżunta fis-sens tad-deduzzjoni tal-appellanti; salva kull deduzzjoni oħra tagħha, "si et quatenus", kontra dik il-konfessjoni u salva kull ġustifikazzjoni tal-kontumaċja, "si et quatenus". L-ispejjeż tal-inċident jitħallsu mill-konvenuta appellanti. Il-kawża tibqa' rinvijata għall-kontinwazzjoni għall-14 ta' Lulju 1962.